MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Awwissu, 2003

Numru. 135/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**
**-vs-**
**BENIGNO GATT**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **BENIGNO GATT** bin Emanuel u Beatrice nee Attard residenti fil-fond Mater Dolorosa, Triq l-Imgarr, Xewkija u detentur tal-karta tal-identita` numru 8663 (G) gie imressaq quddiemha akkuzat talli nhar il-hamsa u ghoxrin ta' Marzu, 2003 ghall-habta tal-erbgha u nofs u hamsa ta' wara nofsinhar fi Triq Merkanti, Ghajnsielem, Ghawdex, waqt li kien qed ihaffer trinka permezz ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBI 696, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti laqat u kkaguna hsarat fuq cable tal-elettriku b'detriment ghall-korporazzjoni EneMalta.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikolu 328 (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lil John Mizzi, Brian Zammit, Charlie Axiaq, Mario Gatt u PS 1346. Rat ukoll l-iskizz esebit.

Illi mill-provi prodotti l-akkuza ma tirrizultax ippruvata sal-grad rikjest mill-ligi.

**Il-Qorti tiddikjara li ma ssibx lill-imputat BENIGNO GATT hati tal-akkuza kif addebitata fil-konfront tieghu u tilliberah minn din l-istess akkuza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------